MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 93

**20 ta' Marzu 2019**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
John Borg - Kunsillier

**ASSENTI**
Mark George Abdilla - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur John Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur Antoine Attard, u s-Sur Owen Patrick Attard.

**93.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

93.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

93.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva apoloġija mill-Kunsillier is-Sur John Borg li nqabad xogħol. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija.

**93.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

93.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 91 u 92 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

93.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsilliera s-Sur Jimmy JM Calleja, il-minuti tal-laqgħa numru 91 u 92 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**93.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

93.3.1 Is-Sindku ma kelliex kommunikazzjonijiet x'tagħti.

93.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm obbligi ġodda fuq il-Kunsill minħabba l-protezzjoni tad-*data* u għalhekk kien se jqabbad konsulent (lis-Sur Adrian Mifsud) biex itih konsulenza biex il-kunsill ikun qed jimxi mal-obbligi tiegħu bħala *data controller*. Apparti minn hekk il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li bħala reġjun se jkun qed jinħareġ *tender* għal *data protection officer* li apparti jieħu ħsieb lir-reġjun jieħu ħsieb il-kunsilli kollha. Bħala *invoice* tkun tgħajjat lill-Kunsill individwali.

**93.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

93.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami saqsa jekk għandniex ideja kemm se jdumu għaddejjin ix-xogħlijiet ta' toroq Santwarju/Ħerba/Tumas Fenech. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi mill-informazzjoni li għandna se jibdew minn Santwarju, u jibqgħu tilgħin. Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar qal li l-aktar kritika hija Triq Santwarju biex jibdew minnha. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi għandna nkellmu l-kuntrattur biex mill-bankina ngħaddu kommunikazzjoni bil-lest bejn pilastu u ieħor biex xi darba jsiru *uplighters* mal-bażilika. Ma kienx hemm oġġezzjoni u s-Segretarju se jitlobha lill-perit li qed imexxi l-proġett.

93.4.2 Fuq l-istess proġett il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li għandna navżaw lis-sanita' biex jekk se jintmiss id-drenaġġ nieħdu prekawżjoni ħabba l-ġrieden u jintefa' l-velenu mall-ewwel. Apparti minn hekk navżaw lill-perit li qed jieħu ħsieb il-proġett biex joqogħdu attenti meta jaħdmu mal-latrini għax jisfronda kollox. Is-Segretarju ħa jitlob lill-perit tal-Kunsill biex jagħmel rapport.

93.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami bħala president tar-reġjun taċ-ċentru ta xi dettalji dwar ir-riformi li se jsiru u kif se jolqtu r-reġjun fosthom il-flus miġbura miċ-ċitazzjonijiet. Hemm riformi oħra fosthom li se jsir reġjun ġdid u se jinbidlu xi reġjuni. Ir-reġjun taċ-ċentru se jkollu fih Pembroke, Swieqi u Għarghur u se jitlef lil H'Attard, San Ġwann u Balzan.

**93.5 Proġett ERDF Mużew tal-Ferrovija – tender ta' restawr ta' aperturi**

93.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rigward il-proġett ERDF tal-mużew tal-ferrovija, il-PPCD kien approva żjieda ta' 100,000euro fil-baġit tal-proġett u għalhekk it-tender ta' restawr tal-aperturi issa għandu baġit adegwat u jista' jiġi *awarded*. Kien hemm offerta waħda, dik ta' AMC Restoration Ltd għal 98,500euro. Il-bord tal-evalwazzjoni ppropona illi t-*tender* jingħata lil dan l-uniku offerent għax kellu kollox *in order*. Il-Kunsill qabel mal-bord b'mod unanimu.

**93.6 Triq ġdida fi Triq Ganu**

93.6.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li kellha talba biex trejqet li nfetħet fi Triq Ganu tingħata isem. Wara li żvolġiet diskussjoni, il-Kunsill qabel nem. con. Illi għalissa ma jagħtix isem, imma l-każ jiġi ċċekkjat mill-perit tal-Kunsill biex jiċċekkja jekk l-iżvilupp sarx skont il-permessi.

**93.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 71 u *petty cash***

93.7.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech għaddiet għall-approvazzjoni tal-membri l-listi tal-*petty cash*. Dawn ġew issekondati mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg u approvati nem. con.

93.7.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet għall-approvazzjoni l-iskedi ta' pagamenti 71. Dawn ġew issekondati mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg u l-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Ma kienx hemm mistoqsijiet u l-finanzi għaddew b'mod unanimu.

**93.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

93.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.50pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 15 ta' April fis-6.30pm.

Konfermati, illum 15 ta' April 2019.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |